Ref: 21/6/194/13

KUNSILL LOKALI PAOLA

Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

**Minuti tal-Laqgha Nru. 21 tas-Sitt Legislatura**

Il-Kunsill ltaqa' fl-ufficini amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar il-Hamis 9 ta' Mejju 2013. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Roderick Spiteri, il-Kunsillier Ray Attard, il-Kunsillier Steve Axisa, il-Kunsillier Bernard Sean Lynch u l-Kunsilliera Rita Delezio.

Il-Vici-Sindku Dominic Grima u l-Kunsillier Tyrone Muscat kienu skuzati. Il-membri tal-Kunsill accettaw li jkunu skuzati fuq ragunijiet personali.

Kien hemm prezenti wkoll l-*Acting Secretary* Kevin Borg u l-iskrivana Alison Panzavecchia.

## 1) Minuti

**Minuti tal-Laqgha Nru .19 tas-Sitt Legislatura**

1.1 – Dawn il-Minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

**Minuti tal-Laqgha Urgenti Nru .20 tas-Sitt Legislatura**

1.2 - Dawn il-Minuti gew approvati mill-membri tal-Kunsill nem.com.

## 2) Korrispondenza

2.1 – Is-Sindku qal li qed ikun hemm hafna hmieg hdejn il-forn fi Triq Sammat, Paola. Ser jara l-possibilita' li titwahhal CCTV.

2.2 – Is-Sindku qal li kellu laqgha mas-sidien ta' Main Street Complex biex jitwahhlu tabelli madwar il-lokal kollu ghas-spejjes taghhom.

2.3 – **Ittra mis-Socjeta' Filarmonika G.M.Fra Antoine De Paule, Banda Kristu Re** – Is-Segretarju, is-Sur Gordon Dalli baghat ittra lil kunsill biex bil-ghajnuna u l-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Paola tigi organizzata l-attivita' Festa Tfal nhar il-Gimgha 7 ta' Gunju 2013 mit-8.00 'l quddiem fi Gnien Pawlu Boffa. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill approvaw is-somma ta' €200.

2.4 – **Ittra minn Paola *Hibernians Football Nursery*** – Is-Segretarju, is-Sur Victor Ellul baghat ittra biex il-Kunsill jaghti ghajnuna finanzjarja biex jghin fl-ispiza biex jinbidel il-wicc tal-pitch. Wara diskussjoni, gie deciz li ninfurmawhom li skond il-ligi, il-kunsill lokali ma jistax jaghmel donazzjonijiet.

2.5 – **Ittra mis-Socjeta' Filarmonika 11 ta' Frar AD 2012, Pawla *Wolves Club*** – Is-Segretarju, is-Sur Mark Anthony Ferris baghat ittra biex il-Kunsill jaghmel reklam fil-Ktieb tal-Festa Titulari tal-Madonna ta' Lourdes. Il-membri approvaw li jsir reklam ta' €60.

2.6 – **Ittra mis-Socjeta' Filarmonika G.M.Fra Antoine De Paule, Banda Kristu Re** – Is-Sur Ray Mangion baghat ittra biex il-Kunsill jaghmel reklam fil-ktieb tal-Festa ta' Kristu Re. Il-mebri approvaw li jsir reklam ta' €100.

2.7 – **Ittra minn *Yellow Pages*** – Is-Sur Ian Giordmaina baghat ittra biex f'dan il-ktieb jigu ppubblikati l-indirizz u xi dettalji tal-Kunsill Lokali. Il-membri approvaw.

2.8 – Ittra mis-Sur Joseph Herbert biex jinbidlu xi ismijiet ta' toroq f'Paola – Gie deciz li din il-proposta tintbaghat lid-Dipartiment koncernat.

2.9 - Il-Kunsillier Attard hareg mil-laqgha fis-6.55pm.

## 3) <u>Kampanja *Waste Management*</u>

3.1 – Is-Sindku qal li kellu laqgha mal-GreenPak dwar il-gbir tal-borza l-hadra tar-riciklagg. Huwa ssuggerixxa li kull nhar ta' Tlieta tibda tingabar il-borza l-hadra biss u din ghal-ewwel tkun prova ghal 3 xhur biss.

3.2 – Is-Sindku, il-Kunsilliera Delezio u Lynch kienu favur. Il-Kunsillier Axisa astjena ghaliex ma jahsibx li qed tinghata alternattiva ohra ghal min ma jistax johrog din il-borza. Hadd ma kien kontra.

## 4) <u>Attivita' b'kollaborazzjoni mal-Hibs ( Jekk jintrebah il-Kampjonat )</u>

4.1 – Is-Sindku qal li tkun haga sabiha li jekk jintrebah il-Kampjonat, issir attivita' kongunta flimkien. Il-Kunsill approva li jkun parti minn din l-attivita' b'budget ta' mhux aktar minn €1,000.

## 5) <u>Jum Paola 2013</u>

5.1 – Is-Sindku ssuggerixxa li Jum Paola 2013 issir bl-ghajnuna ta' *Heritage Malta* u jinfethu t-tempji li ghandna fil-lokal. Il-Kunsill approva li jkun parti minn din l-attivita' b'budget ta' mhux aktar minn €2,000.

5.2 – Il-Kunsilliera Delezio ssuggeriet li jsir sotto-kumitat dwar Jum Paola u li dakinhar tinfetah il-Knisja ta' Sant'Ubaldeska u l-Habs l-Antik. Wara diskussjoni, sar qbil li l-membri tas-sotto kumitat ser ikunu s-Sindku, il-Kunsillier Lynch u l-Kunsilliera Delezio.

**6) Progetti**

6.1 – Is-Sindku ta' d-dettalji dwar xi progetti li ser isiru f'Paola.

**7) Programmi Ewropei**

7.1 – Is-Sindku qal li hemm *atelier* l-Ingilterra mit-12 sal-15 ta' Mejju 2013 u li hu sejjer. Kif ukoll *atelier* iehor f'Helsinki nhar l-14 u 15 ta' Gunju 2013 fuq il-progett Hybrid Parks u dwar il-Progett At Fort fi Franza mill-10 sat-12 ta' Gunju 2013.

**8) Traffic Management**

8.1 – Is-Sindku ssuggerixxa li ssir sistema ta' *one-ways* f'diversi toroq fil-lokal. Il-Kunsill approva li tinbeda diskussjoni ma' TM fuq dan ir-rigward.

8.2 – Hu kompla jghid li ppropona li jsiru *traffic lights* fi Vjal it-28 ta' April 1958 (fil-benniena) u li fi Vjal St.Lucia ssir speed camera minhabba diversi ncidenti kbar li saru f'din it-triq.

**9) Skeda ta' Pagamenti**

9.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti ghall-approvazzjoni tal-Kunsill ghas-somma ta' €98,912.85.

9.2 – Re cekk nru: 5212 - Il-Kunsillier Axisa astjena minn dan il-pagament minhabba kunflitt ta' nteress u hareg mill-kamra. Minhabba hekk, ma kienx hemm quorum. Ghaldaqstant, gie deciz li dan il-pagament ser jigi approvat darb'ohra. Il-Kunsillier Axisa approva l-kumplament tal-pagamenti.

9.3 – Il-membri approvaw is-somma ta' €98,752.85.

**10) Aggornament**

10.1 - Il-Laqgha giet maghluqa fit-8.00pm u aggornata ghal nhar it-Tlieta 28 ta' Mejju 2013 fil-5.30pm.

Approvati llum 28-05-13

Kevin Borg
Acting Secretary

Roderick Spiteri
Sindku